## Is-Sitt Ħadd tal-Għid
## "L-Ispirtu s-Santu Jgħallimkom kollox"

***Daħla:*** Fi Żmien l-Għid, aħna niċċelebraw il-qawwa tal-qawmien tal-Mulej. Dan il-qawmien ġab konsegwenzi meraviljużi fuqna li emminna f'Ġesù. L-ewwel fost dawn il-grazzji hemm id-don ewlieni tal-Ispirtu s-Santu. Hu l-Ispirtu li jiggwidana u jmexxina fuq il-passi ta' Ġesù. Hu l-Ispirtu li jgħallimna kollox. Hu l-Ispirtu li jdaħħalna f'relazzjoni ma' Alla l-Missier. Nibdew diċ-ċelebrazzjoni billi nkantaw ...

***L-Ewwel Qari:*** L-Ispirtu s-Santu kien jiggwida lill-insara biex jifhmu dak li jrid minnhom Alla l-Missier.

***Responsorju tas-Salm:*** **Fost il-ġnus Alla wera s-salvazzjoni tiegħu**
**jew**
**Hallelujah! Hallelujah! Hallelujah!**

***It-Tieni Qari:*** L-Apokalissi jippreżentawlna viżjoni tal-Ġenna. Is-sbuħija tal-preżenza ta' Alla hi evidenti. Dan aħna nduquh b'mod misterjuż waqt l-Ewkaristija.

***Offertorju:****(X'ħin ikunu se jitressqu l-offerti lejn l-artal, l-animatur igħid):*
Waqt li ntellgħu l-offerti, ejjew noffru ħajjitna b'umiltà u imħabba. Bi gratitudni ejjew inkantaw...

***Tqarbin:*** *(Waqt li s-saċerdot ikun jitqarben bid-Demm ta' Kristu, l-animatur igħid)*
It-Tqarbina hi l-preparazzjoni għall-ikla eterna li l-Missier qed jistedinna għaliha. Ejjew nersqu bi qlub ferħana u mimlija gratitudni. Inkantaw.....

***Ringrazzjament:*** *(waqt li s-saċerdot ikun jippurifika l-Kalċi, l-animatur igħid)*
Grazzi Missier li tajtna kemm lil Ġesù li jsalvana u l-Ispirtu tiegħu li jiggwidana. Ħuti, nirringrazzjaw lill-Mulej flimkien billi ngħidu (JEW) inkantaw...

***Kant tal-Għeluq...***